MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 817/2007

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta` Ottubru, tas-sena 2007 in forza ta` liema s-socjeta` attrici qed titlob sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` Lm143.66 rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1010244 fuq servizzi lilu rezi ghax-xhur ta` bejn Dicembru, 2006 u Mejju, 2007.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` Lulju, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u kif ukoll naqas milli jidher meta ssejjah ghas-seduta ta` llum.

Sema` x-xhieda ta` l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

It-Tribunal innota li l-konvenut meta rega` gie msejjah sabiex jidher quddiemu rega` baqa` ma deherx u ghalhekk il-kawza baqghet ma gietx ikkontestata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` €334.63c gia` Lm143.66c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Lulju, 2007 u bl-ispejjez kollha kif mitluba ta` din l-istanza a karigu ta` l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------